XEWKIJA

***MINUTI***
***KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA***
***LAQGĦA MILL-BIDU TAL-KUNSILL: NRU 445***
***IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 73***
***Il-Ġimgħa 7 ta' Settembru 2012 fis-6:30pm.***

*Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6:30pm*

*Preżenti:*

*Dr Monica Vella – Sindku*

*Joseph Vella - Vici Sindku*

*Mr. Hubert Saliba – Kunsillier*

*Mr Teddy Mizzi -- Kunsillier*

*Marthese Portelli - Kunsillier waslet 7:40p.m.*

--------------------------------------------------------

*Uffiċjali:*

*Ms Sue-Ellen Bugeja – Segretarju Eżekuttiv*

*Intqgħalet it-Talba.*

1. **Minuti 444**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 444 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

2. **Restawr fil-Ġnien ta' Blankas**

   Is-Segretarja nfurmat lill-Kunsill li saret laqgha fl-24 ta' Awissu rigward ir-restawr fil-Gnien ta' Blankas. Prezenti ghal din il-laqgha kien hemm il-kuntrattur Mario Gatt, l-Avukat Noel Camilleri, il-Perit Edward Scerri u Lawrence Borg li kienu qed jidhru f'isem it-tenderer Gatt Tarmac u s-Sindku u s-Segretarja tal-Kunsill. F'din il-laqgha Il-Perit Edward Scerri qal li hu mar fuq il-post jara r-restawr. Hu ma qabilx ma li qal il-perit Bianco fuq ir-rapport li l-ħitan huma 'out of plum' għax qal li l-parti t' isfel nett li ma ntmessx mhux tiela dritt, iżda il-komplament hu mibni sew. Hu kompla jgħid li l-method statement m'għandux direzzjoni sew mhux fid-dettal u l-BOQ ma jispeċifikax kif suppost isir x-xogħol sew. Fir-rigward fejn issemma 'dismantling' qal li ma jindikax x'għandu jigi 'dismantled', li kollox hu vague. Il-Perit Scerri qal ukoll li la darba il-kamra tiġi imkaħħla, jiċċertifika li x-xogħol hu sew u li m'hemm l-ebda periklu. Is-Sindku staqsiet lill-perit kemm kellu jieħu żmien biex jitlesta x-xogħol. Il-Perit qal li ġimgħa il-ġebel u ġimgħa

oħra is-saqaf il-'formation' biex ix-xogħol issir sew eskluż l-ħajt tal-parapett u it-tikħil. Hu qal li t-tender m'hiex dettaljata u li ma kienx hemm drawings ta' kif ix-xogħol ried isir ġebla b'ġebla u sa fejn kellu jiżżarma u jinbena, kif suppost tkun meta x-xoghol jirrigwarda restawr. Hu kompla jgħid li l-Kuntrattur kellu dan l-iżvantaġġ. Il-Kuntrattur Mario Gatt qal li ix-xogħol sar fil-preżenza tal-espert William Bondin u fl-ebda ħin ma qalu li x-xogħol mhux ġej sew. Huwa qal li William Bondin suppost kien 'supervising' fuq ix-xogħol. Mario qal li il-miżieb m'għoġbux darbtejn il-Perit Lino Bianco u fit-tender ma jindika xejn fuqu. Lawrence Borg qal li William Bondin kien qed jogħġbu x-xogħol u ġieli mar darbtejn f'ġurnata jara x-xogħol. L-Avukat Noel Camilleri qal li hemm nuqqas mill-Perit tal-Kunsill jekk ma sarux id-drawings ta' kif qal il-Perit Scerri u kompla jgħid li matul il-proġett kien hemm nuqqasijiet li ma nistgħux aħna bħala kunsill inpoġġuhom kollha fuq il-kuntrattur. L-Avukat kompla jgħid li l-Perit Lino Bianco għandu jagħmel rapport fid-dettal aktar ta' eżatt x'hemm ħażin. Is-Sindku qalet li hi u s-Segretarja Eżekuttiva ma jifhmux teknikament għax ma humiex periti. Is-Sindku qalet ukoll li s-Segretarja fl-ebda ħin ma kienet avżata li ġej il-Perit Scerri għax kieku kien jattendi ukoll l-Perit tal-Kunsill Lino Bianco biex ikun jista' jirrispondi aktar aħjar. F'dan il-mument l-Avukat Noel Camilleri skuża ruħu li kien nuqqas minn naħa tiegħu li m'avżaniex b'dan. Mario Gatt qal li hu ried li ikun preżenti għal-laqgħa tal-Kunsill meta saret id-deċiżjoni biex jitwaqqaf ix-xogħol. Hu kompla jgħid li għal-laqgħa li jmiss jixtieq li jkun preżenti.

Is-Segretarja infurmat lill-Avukat Noel Camilleri u lil Mario Gatt bil-laqgha tal-Kunsill u prezenti ghall-Laqgha kien hemm Benny Gatt. Il-Kunsill qabel li peress li ma kienx hemm prezenti il-Perit tal-Kunsill fil-laqgha ta' l-24 ta' Awwissu, ghandha issir laqgha ohra fejn jkun hemm prezenti il-Perit tal-Kunsill u l-Perit tal-Kuntrattur u l-Avukat Noel Camilleri.

.

3. **Car Free Day 2012**

Is-Segretarja infurmat li l-Kunsill għaddej bil-preparamenti tal-Car Free Day. Din l-attivita' ser issir il-Hadd 16 ta' Settembru u ser ikun hemm il-Pjazza San Ġwann Battista u t-toroq tal-madwar magħluqin mit-traffiku. Is-Sindku infurmat li ser ikun hemm walking bus għat-tfal min ta' Gokk, Triq il-Ħamrija, ħdejn il-Kappella tal-Ħniena u fi Triq Torri Tinghi. It-tfal ser jimxu min dawn l-imsemmija postijiet sal-Knisja fejn jattendu l-quddies tat-8:15am. F'din l-attivita' ser ikun hemm diversi logħob għat-tfal, ikel tajjeb għas-saħħa li ser ikun ippreparat fil-Pjazza min Nancy Buhagiar tal-World Marketing, Carmen Tedesco u Claire tal-Mojo's. Ix-Xewkija Tigers Nursery ser jorganizzaw 5 a-side u z-Zghazagh Brijuzi Xewkin ser jorganizzaw z-Zumba.

4. **Triq San Bert**

Kien hemm preżenti George Xerri li joqgħod fi Triq San Bert. Hu qal li qed isofri ħsarat kbar fid-dar tiegħu meta tkun ix-xita minhabba il-kundizzjoni li tinsab it-triq wara li saret diverstion tat-traffiku f'din it-triq min TM. Is-Sindku infurmat lil George Xerri li l-Kunsill ma jistax jagħmel din it-Triq peress li l-ħsara saret mit-TM. Is-Sindku komplit tgħidlu li f'April hi u s-Segretarja kellhom laqgħa Malta

mat-TM fejn gie diskuss din is-sitwazzjoni u gie maqbul li t-Triq soffrit ħsarat minn mindu saret id-diversion peress li kienu ghamlu rapport dwar l-istat tat-triq qabel u wara li saret Triq l-Imgarr. Il-Kunsill ser jerga' jibghat ittra lit-TM fejn TM terga tiġi nfurmata bil-ħsara u mitluba tagħmel ix-xogħol meħtieg kif ukoll li l-Kunsill mhux ser jidhol responsabli għal ħsarat li jistgħu isiru fid-dar ta' George Xerri.

5. **<u>Offerti</u>**

F'dan il-mument il-Kunsillier Teddy Mizzi Kellu joħrog urġenti u waslet il-Kunsilliera Marthese Portelli.

i. Offerta Gbir ta' Skart Goff
Il-Kunsill fetah l-offerti. Kien hemm offerta waħda. Is-Sindku iddikjarat li ghandha interess pekunjarju u għalhekk ħarget mill-laqgħa f'dan il-mument biex tottempora ruħha mal-artiklu 19 tal-ligi dwar il-Kunsilli Lokali. L-offerti kienu:- GV Gozo Developments 18euro per household. Il-Kunsill għazel din l- offerta.

ii. Offerta għal-kostruzzjoni ta' bankini
Is-Sindku ġiet infurmata li tista' terġa' tidħol għal-laqgħa. Is-Sindku regget dahlet ghal laqgha.
Il-Kunsill fetaħ l-offerti. Kien hemm offerta waħda. Is-Sindku iddikjarat li ghandha interess pekunjarju u għalhekk ħarget mill-laqgħa f'dan il-mument biex tottempora ruħha mal-artiklu 19 tal-ligi dwar il-Kunsilli Lokali. L-offerti kienu:- GV Gozo Develpment –skont ir-rati fl-istess offerta. Il-Kunsill għazel din l-offerta. Is-Segretarja ċemplet lill-kuntrattur biex ikun prezenti biex jiċċaraw miegħu li jekk l-ammont ta' materjal bil-metru kubu jitla' jew jinzel ghandu jibqa' l-istess prezz kwotat. Il-Kuntrattur qabel ma dan u s-Segretarja għandha taghmel dan bil miktub u jiffirma il-kuntrattur.

iii. Offerta għal tindif u manutenzjoni tal-latrina fi Ġnien il-Ħaddiem.
Sindku ġiet infurmata li tista' terġa' tidħol għal-laqgħa. Is-Sindku regget dahlet ghal laqgha.

Il-Kunsill fetaħ l-offerti kien hemm offerta waħda:-Rita Cassar – 2,150. Il-Kunsill għazel din l-offerta.

6. **<u>Incident fl-Ufficcju tal-Kunsill</u>**
Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li ghal habta ta' nofs Awwissu 2012 hija giet infurmata mis-Segretarja sabiex tmur urgentiment l-Kunsill peress li kien inqala' incident fl-ufficcju fejn l-Assistant Principal Mary Haber kienet qalghet argument shun minhabba t-talba tal-leave taghha u l-imgieba taghha kienet agressiva hafna tant li l-bqija ta' l-istaff kien imwerwer, bl-imgieba taghha: l-impjegat Joseph Borg kien f'sitwazzjoni histerika, u l-istudent workers ingabru kollha fl-ufficcju tas-Segretarja u s-Segretarja tablet l-ghajnuna tas-sidku ghax ma kienetx taf x'ha taghmel f'sitwazzjoni bhal din. Is-Sindku infurmat lil Kunsill li hija kienet marret urgentiment l-ufficcju tal-Kunsill biex tara x'gara. Hija sabet lil Joseph Borg jibki u mieghu kien hemm ommu u x'hin provat tkellem lil Assistant Principal biex tara x'gara, din kellmitha hazin u x'hin is-Sindku regget talbita spegazzjoni ta' dak li

kien qed jigri Mary Haber kompliet tajjat li "issibu kappel jigikomhom kollha kemm intom", issupervjat u telqet il barra.

Is-Sindku kellmet lil Joseph Borg bil-kalma, provat tikalmah u talbitu jghidilha x'gara. Jospeh Borg war ftit ikkalma u beda jispjega x'kien gara. Ftit mumenti wara regget dahlet Mary Haber fl-ufficcju ghax kienet insiet il-basket warajha. Is-Sindku talbita spejazzjoni ta' dak li kien gara izda din irrifjutat u dahlet fl-ufficcju taghha ghal basket beix titlaq. Kif qabdet il-basket biex titlaq qalbet l-affarijiet li kien hemm fuq id-desk u ipprettendiet li titlaq u thalli kollox fl-art. Is-Sindku talbita tpoggi l-affarijiet f'posthom fuq id-desk. Mary Haber bir-rabja qabdet kollox gozz u ghamlithom fuq id-desk u telqet. F'dan il-hin Joseph Borg rega' beda jibki u jiskuza ruhhu u dan ghalkemm li gara ma kienx tort tieghu.

Is-Sindku tablet spjegazzjoni ukoll dwar dak li kien gara lis-Segretarja u lil istudents workers li taw l-ispjegazzjoni taghhom.

Il-Kunsill qabel li dan l-agir mhux tollerabli minghand hadt wisq anqas mill-Assistant Principal.

## 7. Approvazzjoni ta' ħlasijiet

F'dan il-hin rega' dahal il-Kunsillier Teddy Mizzi.

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

## 8. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa

**Mill-Korrispondenza**

i. Protest nru:- 28/2012 mingħand Francis u Michaelina Rapa rigward Triq Indri Borg. Il-Kunsill ser jirrispondi dan il-protest.

ii. Ittra mingħand is-Seġretarju Għaqda Dilettanti tan-Nar San Ġwann Battista rigward għajnuna finanzjara sabiex jiġu koperti parti mill-ispejjez ta' insurance. Il-Kunsill qabel li għandhom iħallsu l-insurance.

iii. Ittra mingħand MCCAA riġward laqgħa fuq Spezzjonijiet fuq il-playing fields. Is-Sindku infurmat lill-kunsill li s-Segretarja ma tistax tattendi din il-laqgħa peress li ser tkun imsiefra u s-Sindku diga għandha mpenji oħra għal dik id-data. Hi qalet lill-Kunsilliera biex jekk ikun jista' jattendi xi hadd ieħor għal din il-laqgħa. Hadd mill-Kunsilliera ma kkonferma li se jattendi.

iv. Ittra mingħand il-Kumitat Zgħazagh Xewkin riġward għajnuna meħtiega f'proġett ġdid li jixtiequ jagħmlu fil-pjazza fi zmien il-festa. Huma qed jitolbu għajnuna għal permessi biex issir ħofra kbira fil-Pjazza San Ġwann Battista. Il-Kunsill ser jitlob lil din l-għaqda biex iġġib aktar informazzjoni u se jiehdu parir mingħand perit.

## 9. Ilmenti u Suġġerimenti

i. Ilment mingħand Joseph Dingli rigward boat trailers li qed ikunu fil-parti ta' ħdejn il-heliport. Il-Kunsill għandu jkellem lil TM jew lil Ministeru għal Ghawdex biex jara fuq dan il-kaz.

ii. Ilment minghand Carmen Spiteri rigward zibel fit-Triq il-Hamrija. Il-Kunsill ser jibgħat ittra lir-residenti biex joħorgu iz-zibel fil-hinijiet u granet li suppost.

iii. Mario Zammit talab materjal għal bankina. Il-kunsill ser jipprovdilu l-materjal.

iv. Ilment mingħand John Bonnici biex issir tindif tal-haxix fi Triq ir-Rotonda. Il-Kunsill ser jikkuntatja lill-kuntrattur tat-tindif biex jaqtgħu l-ħaxix.

v. Talba minghand Josephine Buttigieg fi Triq San Duminku u Martin Vella fi Triq St Catherine rigward yellow lines quddiem il-garage taghħom. Il-Kunsill ser jibghat talba lit-TM.

vi. Ilment minghand Maria Vella rigward bankina li giet miksura fi Triq St Elija waqt li l-kuntrattur kien għaddej biex xogħol. Il-Kunsill ser jibgħat il-ħaddiema jaraw. Il-Kuntrattur għandu jirranga l-ħsara kollha kawzata minnu.

vii. Profs. Raymond Ellul riġward ħajt tas-sejjieh li waqa f'ghalqa privata. Il-kunsill ser jara ta' min hi l-ghalqa u jghid lis-sid b'dan sabiex jerga' jtella' l-ħajt.

viii. Ilment mingħand Maria Grima rigward bzonn ta' patching fi Triq Canga. Il-kunsill ser imur jara sabiex isir ix-xogħol meħtieg.

ix. Ilment minghand George Curmi rigward tabela tal-klieb u oħra biex ma jitfux ziebel fl-area ta' Gokk. Il-Segretarja ser igib stimi ta bins tal-klieb.

x. Ilment mingħand Loreta Azzopardi rigward bzonn ta' patching fi Triq San Bert. L-Kunsill ser jibghat ittra lil TM.

xi. Ilment mingħand Joseph Xuereb rigward it-tarmak li għandu mal-bankina fi Triq il-Mithna ghax qed issirlu ħsara fil post tieghu. Il-Kunsill ser jerga ikellem lill-George Bonnici tal- Water Services biex jara f'hiex waslet l-LA minn naħa tal-WS biex il-Kunsill ikun jista' jkomplo bil-progett tiegħu li jagħmel din it-triq bit-tarmac.

xii. Suġġeriment mingħand Maria Cauchi rigward zebra crossing fi Triq l-Imgarr ħdejn il-kapella tal-Ħniena. Is-Sindku infurmat li TM ser jagħmluha fil-granet li gejjien.

xiii. Ilment mingħand Wigi Farrugia rigward bank fi Triq Torri Tingi ħdejn il-Bus stage. Il-kunsill ma qabilx peress li m'hemmx fejn u jigi perikuluz.

xiv. Ilment mingħand Jennifer Mercieca rigward trangarr tal-livel tat-Triq Majuma biex ma jidholx ilma tax-xita fid-dar. Is-Segretarja għandha iccempel biex tara ezatt f'liema parti.

xv. Ilment mingħand Pawlu Saliba rigward it-taraġ tal-kapella tal-Knisja tal-Ħniena. Is-Segretarja għanda tmur tiegħu ir-ritratti u tkellem lil TM biex jirrangawh kif kien qabel.

xvi. Suggeriment minghand Irene Pace rigward biex issiru hangers għaz-zibel fi Sqaq San Theodora. Il-Kunsill qatt ma għamel dawn il-hangers u ma qabilx li isiru. Il-Kunsill ser ikellem lill-kuntrattur taz-zibel biex iz-zibel jibda jidħol jigbru min go l-isqaq.

xvii. Is-Segretarja avzat lil Kunsill li l-air condition li kien hemm fl-uffiċċju tagħha m'ghandux jahdem u l-anqas jissewwa. Il-Kunsill qabel li dan ghandu jiddisponi minnu skond il-ligi.

xviii. Is-Segretarja qalet lil Kunsill li ser jerġgħu jibdew l-aerobics u l-general fitness. Il-Kunsill qabel li ghar-residenti mix-Xewkija il-hlas ikun ta' euro is-siegha u għal residenti barra mix-Xewkija l-ħlas ikun ta' zewg euro is-siegħa.

xix. Il-Kunsill irċieva diversi ilmenti rigward rampa perikuluza fi Triq San Duminku. Il-Kunsill qabel li għandu imur il-perit jara fuq il-post u jagħmel certifikat tagħha.

xx. Kien Prezenti għall-laqgha Mariano Zammit li joqgħod fi Triq Santa Marija rigward ħsara li qed issir dejjem fuq il-bankina tiegħu. Hu qal li jixtieq li din it-Triq issir one way. Il-Kunsill ser iressaq dan is-suġġeriment lil TM u ser jagħmel il-bankina ta' Mariano Zammit fuq il-lista tal-bankini biex titranga.

xxi. Is-Segretarja infurmat lil Kunsill li hi reġġhet bagħtet il-haddiema iwahhlu l-bank li jinsab fi Triq Sant'Indrija izda reġa' ma kienx hemm qbil bejn il-girien. Il-Kunsill infurma lis-Segretarja li dan għandu jeħel fejn ġie deċiz mill-kunsill originarjament.

## 10. Tmiem il-Laqgħa

Il-Laqgħa ntemmet fl-10:30 p.m.

Sue-Ellen Bugeja — Dr Monica Vella

Segretarju Eżekuttiv — Sindku